



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, il-15 ta' Settembru 2020

Is-sistema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet: il-kwoti bla ħlas iridu jkunu mmirati aħjar, jgħidu l-awdituri

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), il-kwoti bla ħlas għadhom jikkostitwixxu aktar minn 40 % tal-kwoti kollha disponibbli taħt is-sistema tal-UE ta' "limitu u skambju" għan-negozjar ta' emissjonijiet (ETS). Dawn il-kwoti bla ħlas, iddistribwiti lill-industrija, lill-avjazzjoni u, f'xi Stati Membri, lis-settur tal-elettriku, ma ġewx immirati tajjeb. Barra minn hekk, il-ħeffa tad-dekarbonizzazzjoni fis-settur tal-enerġija tnaqqset b'mod sinifikanti. Jeħtieġ li l-Kummissjoni taġġorna l-proċedura tagħha għall-immirar tal-kwoti bla ħlas biex hija tirrifletti l-Ftehim ta' Pariġi u żviluppi reċenti.

Fil-prinċipju, skont l-EU ETS, jitqiegħed prezz fuq l-emissjonijiet tal-karbonju u l-kwoti tal-emissjonijiet jiġu rkantati. L-irċevuti mill-irkanti ukoll jipprovdu dħul għall-azzjoni klimatika. L-EU ETS tuża l-kwoti bla ħlas biex in-negozji tal-UE jiġu skoraġġuti milli jittrasferixxu l-attività tagħhom lejn pajjiżi terzi bi standards ambjentali aktar baxxi, billi dan ikun inaqqas l-investment fl-UE u jżid l-emissjonijiet globali. Dan huwa magħruf bħala r-"rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju". Is-setturi industrijali u tal-avjazzjoni jibbenefikaw minn kwoti bla ħlas, għall-kuntrarju tal-biċċa l-kbira mill-operaturi fis-settur tal-enerġija, billi huwa meqjus li jistgħu jgħaddu l-ispejjeż tal-karbonju direttament lill-konsumatur. Madankollu, fit-tmien Stati Membri b'PDG *per capita* ta' inqas minn 60 % tal-medja tal-UE, is-settur tal-enerġija rċieva kwoti bla ħlas biex tkun tista' seħħ il-modernizzazzjoni tiegħu.

"Jeħtieġ li l-kwoti bla ħlas ikunu immirati lejn dawk is-setturi industrijali li huma l-inqas kapaċi li jgħaddu l-ispejjeż tal-karbonju lill-konsumaturi," qal Samo Jereb, il-Membru tal-QEA li kien qed imexxi l-awditu. "Madankollu, dan mhux il-każ. Setturi li jirrappreżentaw aktar minn 90 % tal-emissjonijiet industrijali wkoll jiġu meqjusa li jinsabu f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u jibbenefikaw minn rati għoljin u kontinwi ta' kwoti bla ħlas. Sakemm l-allokazzjoni tal-kwoti bla ħlas ma tiġix immirata aħjar, l-UE mhix se tgawdi mill-benefiċċji kollha li jista' jkollha l-ETS fuq id-dekarbonizzazzjoni u l-finanzi pubbliċi."

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

L-awdituri sabu li s-setturi tal-enerġija li rċevew kwoti bla ħlas biex jinvestu fil-modernizzazzjoni għamlu progress sinifikattivament aktar bil-mod fid-dekarbonizzazzjoni minn Stati Membri oħra. L-investimenti kienu ta' spiss jintużaw biex jitjiebu l-impjanti tal-enerġija tal-linjite u tal-faħam eżistenti, aktar milli biex issir tranżizzjoni lejn fjuwils li jniġġsu inqas, partikolarment fil-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Polonja u r-Rumanija. L-awdituri jirrikonoxxu li l-Kummissjoni ssikkat ir-regoli li jolqtu lis-settur tal-enerġija għall-perjodu 2021-2030.

L-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti lis-setturi industrijali hija bbażata fuq parametri referenzjarji dderivati mingħand dawk li jkunu taw l-aqwa prestazzjoni f'kull settur. Il-kwoti se jiġu progressivament imnaqqsa sa żero sal-2030 sakemm is-settur ma jiġix meqjus bħala f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; f'dak il-każ l-allokazzjoni ma tiġix imnaqqsa. Filwaqt li dan l-approċċ jipprovdi inċentiv għal titjib fl-effiċjenza fl-enerġija, l-awdituri jqisu li huwa meħtieġ immirar aħjar. Is-setturi industrijali li huma meqjusa li qegħdin f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għadhom jirrappreżentaw aktar minn 90 % tal-emissjonijiet industrijali tal-UE, bl-ebda distinzjoni bejn il-livelli differenti ta' riskju, u dan jippermetti li dawn is-setturi kollha jkomplu jibbenefikaw mill-ammont sħiħ ta' kwoti bla ħlas. L-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni timmira l-kwoti bla ħlas abbażi tal-esponiment għal livelli differenti ta' riskju.

Barra minn hekk, is-settur tal-avjazzjoni jirċievi kwoti bla ħlas minkejja li kapaċi jgħaddi l-ispejjeż tal-karbonju lill-konsumaturi. L-awdituri jwissu li dan jista' jappoġġa l-ivvjaġġar bl-ajru b'intensità qawwija ta' karbonju għad-detriment tat-trasport bil-ferrovija.

Minħabba n-nuqqas ta' immirar, taħt l-arranġamenti attwali l-biċċa l-kbira mill-kwoti bla ħlas mhux se jiġu mnaqqsa għal żero sal-2030. L-awdituri jargumentaw li distribuzzjoni aktar immirata kienet tindirizza r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, tnaqqas il-qligħ kbir mhux mistenni u kienet tkun ta' benefiċċju għall-finanzi pubbliċi permezz ta' żieda fil-proporzjon tal-kwoti rkantati.

Noti lill-Edituri

Skont l-EU ETS, is-setturi industrijali, tal-enerġija u tal-avjazzjoni jridu jiksbu kwoti biżżejjed biex ikopru l-emissjonijiet tal-karbonju tagħhom. Is-sistema ġiet stabbilita fl-2005 u, minn dak iż-żmien 'il hawn, l-emissjonijiet *per capita* tal-UE naqsu, iżda xorta għadhom ogħla mill-medja dinjija. Fl-ewwel żewġ fażijiet tas-sistema (2005-2012), kważi l-kwoti kollha kienu ġew allokati bla ħlas; u l-għadd ta' kwoti allokati kien akbar mill-ammont meħtieġ biex jiġu koperti l-emissjonijiet reali. B'hekk akkumula surplus ta' kwoti. Matul it-tielet fażi (2013-2020) din l-allokazzjoni sistemika eċċessiva kienet ġiet eliminata fil-biċċa l-kbira tagħha. Bejn l-2013 u l-2020, 'il fuq minn 6.66 biljun kwota ġew allokati bla ħlas u l-prezzijiet tal-kwoti kienu jvarjaw, iżda żdiedu minn inqas minn EUR 3 għal madwar EUR 25 għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ emessa. Bejn l-2012 u nofs l-2019, l-Istati Membri rċevew EUR 42 biljun f'irċevuti mill-irkanti. Kieku ġew irkantati aktar kwoti għall-industrija, huma kienu jirċievu dħul addizzjonali sinifikanti. Ir-raba' fażi tal-ETS topera mill-2021 sal-2030.

L-awdituri eżaminaw jekk l-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti kinitx intużat b'suċċess biex tiġi mmodernizzata l-ġenerazzjoni tal-elettriku, jekk l-immirar kienx suffiċjenti biex jipprovdi inċentiv għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jekk l-allokazzjoni bla ħlas kinitx ikkontribwiet għal żieda fl-emissjonijiet. Fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Lulju 2020, il-Kunsill

Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tirrevedi l-ETS. L-awditu ma kopriex l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-ETS.

Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2020 “Is-Sistema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet: l-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti kienet teħtieġ immirar aħjar” huwa disponibbli fuq eca.europa.eu bi 23 lingwa tal-UE. Fi snin reċenti, il-[QEA ppubblikat](#) bosta rapporti dwar l-enerġija u l-klima, fejn indirizzat suġġetti bħall-[emissjonijiet tal-vetturi](#), [l-enerġija solari u dik eolika](#), u l-[ETS](#).

Informazzjoni dwar il-miżuri li l-QEA ħadet b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 tista' tinstab [hawnhekk](#).

Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport speċjali

Damijan Fišer – E: damijan.fiser@eca.europa.eu T: (+352) 4398 45510 / M: (+352) 621 552 224